MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 304/2014

**Francis E. Sullivan Company Limited**

**Vs**

**M/V D Ladybug IMO nru 9472206**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fil-11 ta’ April 2014, l-attrici talbet il-hlas ta’ disgha u sittin elf disa’ mija u hamsin ewro (€69,950) ghal servizzi ta’ agenzija u drittijiet ta’ tunnellag skond l-Artikoli 50(c) u (k) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan skond il-fatturi AS0379/14 [1.2.2014 ghal €9,800], AS0378/14 [1.2.2014 ghal €18,480], AS0377/14 [1.1.2014 ghal €20,460], AS0345/14A [21.3.2014 ghal €13,860] u AS0345/14B [21.3.2014 ghal €7,350] (fol. 6-10). L-attrici talbet ukoll li l-kawza tinqata’ bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12.

Hadd ma deher ghall-bastiment minkejja li mill-atti jirrizulta li gie notifikat bl-atti.

**Fic-cirkostanzi fil-kontumacja tal-konvenut, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-bastiment M/V Ladybug IMO nru 9477206 ihallas lill-attrici s-somma ta' disgha u sittin elf disa' mija u hamsin ewro (€69,950) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-invoices**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------